DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 151058** **13. 05. 2015**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER: RAKKOMANDAZZJONI MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER FIL-KONFRONT TA' TLIET KUNTISTABBLI TAL-PULIZIJA**

Anġlu Farrugia, President tal-Kamra tad-Deputati bagħat ittra lis-Sur Michael Cassar, Kummissarju tal-Pulizija fejn irrakkomanda tliet kuntistabbli tal-pulizija għad-dedikazzjoni murija fuq ix-xogħol u lejn id-doveri tagħhom. Dawn il-kuntistabbli kollha jifformaw parti minn stakkament assenjat mas-sigurtà tal-Parlament.

L-uffiċjali inkwistjoni kienu strumentali sabiex waqt ronda ta' billejl madwar il-binja tal-Parlament nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2015, inqabdet persuna li allegatament daħlet bl-intenzjoni li tikkommetti reat ta' serq ġo uffiċċji tat-Teatru Rjal li jinsabu fil-viċinanzi immedjati tal-bini tal-Parlament.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt